# L-Artal ta' Sant`Anna fil-Knisja Parrokkjali ta' Maria Annunzjata f' Ħal-Balzan

Artiklu ta' Adrian Melbourne *edittjat minn Owen Caruana*

Fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal-Balzan, knisja dedikata lill-Marija Annunzjata, insibu artal propju u kif xieraq iddedikat lil Sant'Anna, Omm il-Verġni Marija u nanna ta' Ġesu`.

Fil-visita pastorali li saret fit-3 ta' Jannar tal-1679 fil- paroċċa ta' Ħal-Balzan, l-isqof Monsinjur Mikiel De Molina għamel aċċenn għal artal dedikat lil Sant`Anna. Ta' nteress kbir huwa li fuq dan l-artal li huwa ġuspatronat ta' Beneditt Borg u Gio Marija Frendo, isiru ċelbrazzjonijiet konnessi kemm mal-festa ta' Sant`Anna kif ukoll mal-festa tal-Immakulata Kunċizzjoni, f'liema festi jsiru l-Primi Vespri u Quddiesa Kantata. Il-Festa ta' Sant'Anna tiġi ċċelebrata nhar is-26 ta' Lulju propju fil-ġurnata tagħha. Mill-Istatus Animarum tal-Knisja ta' Ħal-Balzan insibu li fis-26 ta' Lulju tal-1707 kien Dun Mario Tonna li għamel il-funzjoni fil-festa tal-qaddisa, iktar tard fl-1709 kien Dun Ġużepp Frendo u fl-1713 Dun Marju Said.



Naturalment kif jiġri dejjem ma' dan l-artal hemm xi obligi li huma attribwiti miegħu. Insibu li fl-1680 ġiet imħollija quddiesa baxxa li kellha ssir kull nhar ta' Tlieta fuq dan l-artal,

għal ruħ id-defunt Gio Marija Frendo. Imbagħad fl-atti tan-Nutar Xmun Attard tal-1693, insibu li Beneditt Borg ħalla piż fuq art magħrufa 'Ta' Ċialpas', biex fuq l-istess artal ta' Sant`Anna titqaddes quddiesa letta għal ruħu ukoll kull nhar ta' Tlieta, ġurnata konnessa ħafna mal-qaddisa.

Naturalment kemm Dun Ġużepp Frendo kif ukoll Beneditt Borg kienu prokuratura ta' dan l-istess artal. Damu prokuraturi flimkien mis-sena 1681 sas-sena 1690 biex imbagħad sas-sena 1707 insibu bħala prokuratur ewlieni li Dun Ġużepp Frendo.

Dan l-artal li huwa tal-irħam għandu l-kwadru tal-Qaddisa bejn iż-żewġ kolonni griżi li jsebħu l-istatura tiegħu. Kien C. Baldacchino l-irħamatur li ħadem dan ix-xogħol rikk. L-artal huwa imżejjen tajjeb ħafna, naturalment f'din il-knisja kull artal huwa miżmum tajjeb ħafna. Ma nistgħux ma nsemgħux il-lampier tal-fidda, li jintrama quddiem l-artal fil-festa tar-raħal u li kien mogħti mill-familja ta' Dun Frendo. Fl-1962, is-Sinjura Vinċenza Dimech ħallset għat-terħa ħamra rrakkmata bid-deheb, li ukoll titpoġġa biex titgawda mill-poplu f'jum il-festa titulari.

*Ref: gazzetta Ħal balzan – Mejju/Ġunju 1978 – Dun Ġwann Dimech*


**MICHAEL CUTAJAR FUNERAL UNDERTAKER**



NOFFU KULL SERVIZZ MINN
KULL PARROĊĊA GĦAL KULL ĊIMITERJU

***Garage: 69, St. Helen Street, Cospicua***

***Tel: 2182 6277 • Mob: 9949 2001 • 7982 6277***

**Residence: "Rustica" 170 Liedna Street, Fgura • Tel. 2189 6171**

**Private Tuition**

Primary Groups – Year 3-6
Reading Sessions – Year 1-3
Maths Sessions – Form ½



Small groups – Individual Attention
***Call Marthese Mugliett on 21633533***